# Għajnsielem: 14 ta' Settembru 1919

## *Il-Festa tal-Madonna ta' Loretu, mitt sena ilu*

### *minn Toni Calleja (Għasri)*

**Daħla**

Fl-1919, il-poplu fil-gżejjer tagħna kien għadu effettwat ħażin konsegwenza tal-Ewwel Gwerra Dinjija mitmuma inqas minn sena qabel. It-tali gwerra, hekk magħrufa bħala l-*Gwerra l-Kbira* – għax sa dakinhar kienet l-eqqel waħda fl-istorja tal-umanità – kienet miġġielda bejn Awwissu 1914 u Novembru 1918. Minkejja li l-poplu tagħna la ra ġlied u lanqas mejta u feruti, għax il-gwerra kienet miġġielda 'l bogħod minn artna, ma jfissirx li l-konsegwenzi devastanti tagħha ma laqtunhiex ukoll fil-laħam il-ħaj. Fil-Pastorali tar-Randan tal-1916, l-Isqof Djoċesan, Mons. Ġio Marija Camilleri, dwar dan il-motiv, esprima ruħu hekk: *"Iż-żmien li aħna fih, kif intom tafu, huwa żmien mill-ikreh; ilkoll ninsabu mgħaffġin minn kull xorta ta' ħsara, mill-eqqel miżerji li jtaqqlu bil-bosta l-ħajja; il-gwerer li bla mistrieħ ta' xejn jinsabu mixgħulin, u li ma jagħtu l-ebda sinjal ta' ftehim biex tista' ssir il-paċi, huma l-kawża ta' eluf ta' gwaj, tal-akbar dwejjaq, ta' ċaħda mill-ħwejjeġ l-aktar meħtieġa għall-ħajja".*

Mal-mixja tagħha, sakemm intemmet, u għal żmien wara, l-effetti tal-gwerra fuq il-poplu Għawdxi komplew juru snienhom b'qilla akbar. Barra li niesna kienu mgħakksa bil-faqar u l-ġuħ kaġun tan-nuqqas ta' xogħol, u bl-iskarsezzi, l-aktar f'dak li kien proviżjon tal-ikel, kellhom l-isfortuna li jesperjenzaw it-telfien ta' għexieren ta' irġiel Għawdxin ingaġġati fil-*Malta Labour Corps* u l-*Merchant Navy*. Minn Għawdex kollu, fost dawk l-aktar milquta kien hemm Għajnsielem u t-tlett irħula ġirien: in-Nadur, il-Qala u x-Xewkija, fejn il-kotra tan-nies, min ftit u min wisq, jiġu minn xulxin.

**Il-Festa tal-Madonna ta' Loretu ta' mitt sena ilu**

Minkejja li l-gwerra kienet intemmet, il-poplu xorta kien għadu demoralizzat bl-iskarsezzi, bil-faqar spjetat li kien jirrenja u bl-għoli sfrenat tal-ħajja. U issa wkoll, bil-ħafna sensji li kien hemm imdendla fuq rasu, liema problemi wasslu għall-irvellijiet imdemmija tas-*Sette Giugno*, ftit aktar minn tliet xhur qabel. Biss, l-Għajnselmiżi, sforz l-imħabba ġenwina li dejjem kellhom għall-Madonna, xorta riedu jiċċelebraw il-Festa Titulari tal-1919 b'ċerta pompa; xejn xejn biex jirringrazzjawha ta' kemm



*10 - 9 - 19*

*To Lt. Govt.*

*Very Urgent*

*The flour allowed to the Village of G'ajnsielem is barely sufficient for the population. Next Sunday is the village festa and a band from Malta + orchestra will be coming over. People will gradually coming during the next three or four days.*

*An additional allowance of say 10 bags of flour is absolutely required to come over by the cargo boats tomorrow.*

*A. S. G. Gozo.*

kienet waqfet magħhom tul iż-żmien. Fil-gżejjer tagħna, kull komunità, hu x'inhu d-daqs u l-istat soċjali, għandha destinat jum annwali li fih tingabar madwar il-Knisja Parrokkjali, biex tifraħ flimkien u għalenija tfakkar il-qaddis patrun jew patruna tagħha. Fl-1919 – mitt sena ilu, il-festa tal-Madonna ta' Loretu kienet iċċelebrata l-Ħadd, 14 ta' Settembru.

Fl-10 ta' Settembru, Mr William C. Millard, l-Assistent Segretarju tal-Gvern għal Għawdex bagħat messaġġ urġenti lil W. C. F. Robertson, Logutenent Gvernatur u Segretarju Ewlieni tal-Gvern f'Malta, jgħidlu li l-porzjon tad-dqiq illawdjat għar-raħal ta' Għajnsielem bilkemm kien suffiċjenti għall-popolazzjoni. Hu ġibidlu l-attenzjoni għall-fatt li l-Ħadd, kienet ser tkun iċċelebrata l-festa titulari tar-raħal u li kienet ġejja banda u orkestra minn Malta biex tipparteċipa fiha. Qallu wkoll li, a propositù ta' dan, fit-tlett ijiem jew erba' li ġejjin, kienu qed jistennew il-wasla ta' aktar nies. Għaldaqstant, Mr Millard ikkalkula li assolutament kien hemm il-ħtieġa addizzjonali

ta' ċirka għaxar xkejjer dqiq oħra u li dawn riedu jintbagħtu mad-dgħajjes tal-pass (ta' Għawdex) l-għada stess (ara appendiċi għat-test oriġinali – NAG, SG, 01/45, pp. 64-65).

B'xorti tajba, *Id-Devot ta' Maria* ta' Settembru - Ottubru 1919, f'paġni 63-64, jagħtina ftit aktar dettalji dwar it-tali festa. Għedna "b'xorti tajba", għax kumbinazzjoni, din kienet l-aħħar ħarġa ta' dan il-perjodiku li kien ilu joħroġ mingħajr interruzzjoni sa minn Diċembru 1887 – kważi 32 sena.

*Id-Devot ta' Maria* jgħidilna li: "Din is-sena ġiet imsejħa l-Banda "Duka ta' Edinburgo" (*Duke of Edinburgh*) tal-Birgu li ġibdet magħha kotra kbira ta' Maltin kif ukoll poplu kbir mill-gżira kollha, u għalhekk il-briju kien tassew straordinarju.

Il-bandisti kellhom laqgħa sabiħa mill-Kappillan, Kleru u poplu, u ġiet lilhom mogħtija tazza tal-fidda. Huma wkoll offrew lill-Madonna bukkett wisq sabiħ u minsuġ b'sengħa kbira.

Il-festi ta' ġewwa l-Knisja saru wkoll bl-akbar solennità. Il-mużika wkoll ġiet imsejħa minn Malta għal din l-okkażjoni. Mons. Isqof assista mit-tron u l-paniġierku ġie magħmul mill-Arċipriet taż-Żurrieq".

Ir-rapport ta' *Id-Devot* jagħlaq billi jgħidina li: "Il-purċissjoni rnexxiet tassew veru trijonf".

**L-1919 u l-Knisja Parrokkjali**



Minkejja l-qagħda ekonomikament imwiegħra li minnha kienet għaddejja d-dinja, kif ġà espress fid-daħla, il-Knisja Parrokkjali ta' Għajnsielem, grazzi għall-inizjattiva enerġika u dinamika tal-qarib tiegħi, il-Kappillan Dun Franġisk Mizzi (1909-1948) xorta baqgħet tiżżejjen b'opri artistiċi mill-isbaħ. Fl-1919 saret il-ġilandra l-kbira maħduma minn Wistin Muscat, skultur mir-Rabat – Malta, u ndurata mill-kumpajżan tiegħu, Tumas Bugeja. Il-ġilandra, li swiet ċirka £50 (€116.47), inġabet minn Malta fil-5 ta' Ġunju, u żżanżnet fil-festa ta' *Corpus*, li dik is-sena kien iċċelebrat nhar il-Ħamis, 19 ta' Ġunju, fejn sar jum espożizzjoni.

Fl-1919 kien jaħbat it-tliet mitt anniversarju tal-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu u b'kumbinazzjoni jew le, ma nafux, il-Kappillan Dun Franġisk Mizzi, li kien mill-Għarb, introduċa f'Għajnsielem id-devozzjoni Tagħha. Fit-22 ta' Ġunju ta' dik is-sena, għall-ewwel darba, iċċelebra b'quddiesa bil-prietka, inqrat is-supplika, u tkanta *Te Deum*. It-*Te Deum* sar bħala ringrazzjament 'l Alla għall-ftehim milħuq bejn il-potenzi li jtemmu dik li fl-istorja baqgħet magħrufa bħala l-*Gwerra l-Kbira* (1914-1918) u aktar tard, bħala *l-Ewwel Gwerra Mondjali* biex tingħażel mit-tieni waħda, miġġielda bejn l-1939 u l-1945. It-Trattat kien iffirmat fis-*Sala tal-Imirja* f'Versailles, Pariġi, nhar it-28 ta' Ġunju 1919.

**Dun Ġużepp Galea Rapa**

Fl-1919, il-Parroċċa ta' Għajnsielem kellha okkażjoni sinifikanti oħra ta' ferħ x'tiċċelebra: l-ordinazzjoni saċerdotali ta' Dun Ġużepp Galea Rapa.

Dun Ġużepp, bin Toni Galea u Tona *nèe* Rapa twieled Għajnsielem fit-23 ta' Jannar 1894. Kien ordnat saċerdot mill-Isqof Djoċesan Mons. Gio. Maria Camilleri, fil-Katidral ta' Għawdex, nhar l-20 ta' Diċembru 1919 waqt li l-Ewwel Quddiesa solenni għamilha nhar l-4 ta' Jannar 1920.

Wara l-mewt ta' Dun Ġużepp Xuereb – saċerdot li kien joqgħod ix-Xatt – li ġrat fis-7 ta' Mejju 1924, Dun Ġużepp Galea Rapa, dlonk inħatar Rettur tal-Knisja tal-Madonna ta' Lourdes, minfloku, fejn bl-għajnuna ta' ħuh Karmnu, stinka ferm biex il-knisja tgħaddi dejjem aktar 'il quddiem. Kif sar Rettur ta spinta qawwija biex ikabbar id-devozzjoni





Venite, audite et narrabo omnes qui timetis Deum quanta fecit animae meae. ( Ps. 65, 16. )

IL NOVELLO SACERDOTE
GIUSEPPE GALEA RAPA
NEL DI 4 GENNAIO 1920
QUANDO
PER LA PRIMA VOLTA
ASCENDE SOLENNEMENTE L'ARA
NELLA CHIESA PARROCCHIALE
DI GHAIN-SELEM
IL PRESENTE RICORDO
AI PARENTI AMICI CONOSCENTI
QUAL PEGNO PERENNE
DI SI FAUSTO GIORNO
OFFRE.

Maria Vergine Lauretana
Siimi propizia
Mentre per la prima volta offro a Dio
L'Ostia di pace
Raddoppia il mio amore
Verso Te e il tuo Gesù.




TIFKIRA GHAZIZA TA'
L-ORDINAZZJONI
SACERDOTALI FIL-
KATTIDRAL TA' L'ASSUNTA
19 - 12 - 19
U TAL-JUM
TA' RINGRAZZJAMENT
NHAR IL-FESTA TAL-
MADONNA TA' LORETU
10 - 12 - 69
FIL-KNISJA ARCIPRETALI
TA' GHAJNSIELEM

**DUN GUZEPP GALEA RAPA**

**50**

tad-dehriet tal-Madonna ta' Lourdes waqt li fl-1930 kien strumentali biex inbniet is-sagristija. Fi żmien ir-rettorat tiegħu saru fost oħrajn l-istatwa ta' Santa Bernardetta (1934); l-artal tar-rħam (1947), waqt li fis-17 ta' Frar 1949, saret il-konsagrazzjoni tal-Knisja mill-Isqof Djoċesan, Mons. Ġużeppi Pace.

Dun Ġużepp kien saċerdot żelanti li ddedika s-saċerdozju tiegħu għall-ħidma parrokkjali u djoċesana. Apparti li kien rettur tal-Knisja ta' Lourdes u tal-Knisja ta' Kemmuna, hu qeda wkoll l-uffiċċju ta' prokuratur tal-Knisja Parrokkjali.

Iżda l-aqwa xogħol ta' Dun Ġużepp insibuh f'qasam ieħor. Meta nfetħet għall-ewwel darba d-Dar ta' San Ġużepp, f'Għawdex, Mons. Ġużeppi De Piro, il-fundatur tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, ħalla din id-dar f'idejh. Għall-ġieħ tal-istorja rridu ngħidu li Dun Ġużepp Galea Rapa daħal responsabbli mit-tmexxija tad-Dar sa mid-19 ta' Marzu 1934; sar Direttur fid-19 ta' Ottubru 1935 u rriżenja fid-19 ta' Marzu 1969 minħabba raġunijiet ta' saħħa (J. Bezzina, *Saint Joseph Home – a boys' haven in Gozo*, Gozo 1987, [*Gaulitana* 4] 45). Fi żmien id-Diretturat tiegħu, fl-1955, għalkemm b'sagrifiċċji mhux żgħar, irnexxielu jwaqqaf stamperija modesta. Hu ħadem ħafna wkoll biex Għawdex ikollu l-ġurnal regulari tiegħu u jista' jingħad li Dun Ġużepp kien wieħed mill-fundaturi tal-gazzetta *Għawdex*.

Dun Ġużepp Galea Rapa miet f'raħal twelidu, mibki minn kulħadd, nhar it-Tnejn, 8 ta' Novembru 1976, fl-għomor ta' kważi 82 sena.

